

# Vjaġġi lejn Ħal Qormi

minn Guido Lanfranco



Bil-mixi, b'xi rikba fuq dahar ta' ħmar, u fuq xi karrettun, kulħadd kien iterraq lejn il-bliet u l-irħula ta' l-imgħoddi. Min kien jista' jħallas, fi żmien l-Ordni u fis-seklu dsatax, kien jikri ħmar (bħalma aħna nikru *self drive!*) jew jieħu l-kaless jew il-karrozzin (bħalma aħna nikru *taxi*). Meta waslu mezzi ta' trasport pubbliku bħall-omnibus u l-karrozzi tal-linja, sa nofs is-seklu għoxrin kien għad hemm bosta li jippreferu jeħduha bil-mixi. Il-kaless u l-karrozzini ma kinux bil-biljetti, imma kellhom tariffi stipulati ma' l-awtoritajiet. L-ewwel mezz ta' trasport pubbliku kien l-omnibus, li kien qisu karrozzin twil, u warajh ġew il-ferrovija, it-tramm u x-xarabanks; dawn kollha kellhom it-tariffi u l-biljetti.

## Bil-Kaless

Dan il-mezz ta' trasport kien l-aktar magħruf fis-seklu tmintax u dsatax meta kienu żdiedu aktar barranin li jżuru 'l gżiritina, għalhekk jissemma minn ħafna minnhom fil-kitbiet tagħhom. Kien magħmul goff u tqil, u jinġibed biss minn xi bagħal b'saħħtu. Kellu żewġ roti għoljin daqs bniedem, u minflok molol kellu ġlud ħoxnin li fuqhom titbandal il-kabina. Kien hemm kaless b'żewġ bankijiet, wieħed quddiem iħares lejn ta' wara, u kaless ieħor aktar ħafif (jew tqil inqas!) li kellu bank wieħed biss. Dak li jsuqu ma kienx jirkeb, għax lanqas ma kellu fejn jekk irid; kien jimxi jew jiġri ħdejn il-kaless waqt il-vjaġġ. Mill-Belt għall-Mellieħa, it-tariffa kienet 3 skudi (60 sold), imma għal Ħal Fornaro, (jiġifieri Ħal Qormi) il-ħlas kien 10 irbajja', (xi 6 soldi). Fin-nofs is-seklu dsatax il-ħlas għal Ħal Qormi kien ta' 10 soldi.

## Bl-Omnibus

Għall-ħabta ta' nofs is-seklu dsatax ġa kien hemm min irid idaħħal l-omnibus f'Malta. Dan it-tip ta' trasport pubbliku kien daħal f'diversi pajjiżi u l-Ewropa. Il-vettura kienet xi darbtejn u nofs tawwalija daqs karrozzin kif nafuh issa, u kellha żewġ bankijiet twal, wieħed fuq kull ġenb, faċċata ta' xulxin. Skond fejn kien imur, kien juża żiemel wieħed jew tnejn; tnejn jekk ikun hemm tlajja' ftit aktar mis-soltu. Inġiebu omnibusijiet minn Marsilja u ġiet iffurmata l-kumpanija *Malta Omnibus Company*. Għall-ewwel is-servizz kien limitat, iżda wara nfirex malajr għal diversi bliet u rħula oħrajn, fosthom Ħal Qormi. Filwaqt li għar-Rabat kien 6 soldi, għal Ħal Qormi kien 3 soldi u nofs. L-omnibus kien dam iservi għal ħafna żmien. Meta waslet is-sistema tal-ferrovija u warajha tat-tramm, kien għadu jaħdem ukoll taħt diversi kumpaniji, imma meta bdew jiżdiedu l-*buses* jew xarabanks, dawn ftit ftit ħonquh bħalma għamlu lit-tren u lit-tramm. Fi żmien il-gwerra ħarġuh ukoll għal ftit sakemm kien hemm il-kriżi tal-petrol.

Fil-bidu tas-seklu għoxrin, qabel ma kien hemm it-tariffi tax-xarabanks, il-ħlas għal vjaġġi lejn Ħal Qormi kienu skond jekk il-vettura kinitx miġbuda minn żiemel wieħed jew tnejn. Din ma kinitx tapplika biss għall-omnibus, imma għal xi karrozzella oħra, u għall-karrozzin li kien ukoll jintuża dak iż-żmien. B'żiemel wieħed lejn Ħal Qormi kienet xelin u żewġ soldi; jekk b'żewġ żwiemel iżżid nofs il-prezz, jiġifieri 7 soldi, li b'kollox jiġu xelin u disa' soldi (21 sold); f'lira ta' dak iż-żmien kien hemm 240 sold.







*Ir-ritratt juri biljett lejn Ħal Qormi sas-snin 60 bis-soldi u bejn l-1973 u l-1975 Grupp C biċ-ċenteżmi. (ritratt mill-awtur)*

## Bix-xarabank

Il-karrozzi tal-linja bdew bil-waħdiet miġjubin minn barra fl-ewwel ftit tas-seklu 20. Fis-snin għoxrin żdiedu magħhom oħrajn trasformati minn ambulanzi u karrozzi tal-militar, billi għamlulhom bħal gallarija fuq wara, u kienu jpinġuhom b'ħafna dekorazzjonijiet u ismijiet ta' opri,

artisti, lwien u destinazzjonijiet. Fl-1927 it-tpinġijiet personalizzati fuq il-*buses* ma baqgħux isiru, u x-xarabanks kollha ħadu lwien stabbiliti skond id-destinazzjoni.

Fost il-ħafna kuluri li konna naraw, dik li kienet tgħaddi minn Ħal Qormi kienet tkun safra bil-faxx aħmar taħt it-twieqi. Kienet tkun l-istess karrozza li tmur Ħaż-Żebbuġ u s-Siġġiewi. Iżda dawn l-ilwien spiċċaw fl-1973, meta sar tibdil u x-xarabanks kollha nqasmu fi tliet grupp: Grupp A, kollha ħodor ċari għax-xaqliba tal-Gudja, Għaxaq, Bormla, Żabbar, Żejtun u Żurrieq; Grupp B kollha bojod bil-faxx ċelesti, fuq il-linja ta' H'Attard, Lija, Mellieħa, Mosta, Naxxar, Sliema; Grupp C, Birkirkara, Rabat, Ħaż-Żebbuġ, Siġġiewi u Ħamrun, kif ukoll Ħal Qormi.

Daħlet ukoll is-sistema tan-numri, u għal Ħal Qormi saret Nru. 89. Fl-1975 sar tibdil ieħor fejn il-karrozzi kollha saru ħodor ċari għal kullimkien, sakemm fl-1995 kulħadd qaleb għal lewn il-lariġ ċar bil-faxx aktar skur, kif inhuma issa.

*(Għal aktar dwar trasport ara L-ISTORJA TAT-TRASPORT F'MALTA Nru. 1 tal-Kullana Kulturali 1999, mill-istess awtur).*

**TAJJEB TKUN TAF li s-Soċjetà tagħna din is-sena pproponiet tibdil fil-marċ ta' filgħodu bi skop li ma jkunx hemm żewġ marċi fl-istess ħin. Dan ifisser li aħna konna lesti li l-marċ ta' filgħodu nagħmluh is-Sibt filgħodu, wara t-Te Deum u s-Sibt filgħaxija ma ndoqqux. L-istess nagħmlu l-Ħadd filgħodu u mbagħad indoqqu l-Ħadd filgħaxija mal-purċissjoni. Dan kien ifisser ukoll li kemm is-Sibt kif ukoll il-Ħadd kien ikun mimli l-ġurnata kollha mingħajr ħadd ma jidħol fuq ħadd. Għal din il-proposta l-partijiet oħra kkonċernati mal-festa ma qablux u għalhekk kellu jibqa' kollox kif inhu. Din għalija kienet deċiżjoni iebsa imma ħadniha għax f'moħħna dejjem kellna l-ħsieb li tikber dejjem iżjed il-festa.**




Hair Studio
Unisex
Moira Borg
**63, Antonio Muscat Fenech Street, Qormi. Tel: 490093**
*Opening Hours: Tuesday to Saturday from 8.30a.m. to 5.30p.m.*